**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 24 ta' Ottubru, 2016**

Kawza Numru: 86/2016JB

Numru: 4

**Mario Grima (K.I.: 522565M)**

***vs***

**Malta Air Traffic Services Limited (C 27965)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar l-10 ta' Marzu 2016 li permezz tieghu l-Attur talab li s-Socjeta Konvenuta tigi kkundannata thallas is-somma ta' tliet mija u tmienja u hamsin euro u tlieta u erbghin centezmu (€358.43) rapprezentanti somma li giet imnaqqsa mill-paga tal-istess Attur bhala multa prevja process dixxiplinarju, liema impozizzjoni ta' multa l-Attur jikkontendi li sar b'mod illegali u bi ksur flagranti tad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) u kwindi t-tnaqqis mill-paga kien wiehed illegali;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-11 ta' April 2016 (a fol 9);

Ra li s-Socjeta Konvenuta, debitament notifikata (a fol 12) laqghet ghal din l-azzjoni billi nhar it-8 ta' April 2016 ipprezentat risposta (a fol 13) li permezz taghha eccepiet dan li gej:

1. Illi in linea preliminari l-inkompetenza *rationae materiae* ta' dan it-Tribunal *ai termini* tal-Art. 75(1) tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Illi fit-tieni lok, u fl-istess linea preliminari, id-decizjonijiet tal-Bord Dixxiplinarju ma humiex sindikabbli ghaliex skond it-Tieni Appendici (Kap: Kazijiet Ohra) tal-Ftehim Kollettiv dawk id-decizjonijiet huma finali, salv ghal jedd limitat tal-impjegat ghal stharrig gudizzjarju f'kaz li ma gewx osservati l-principji tal-gustizzja naturali u l-jedd ghal talba lill-*management* tal-kumpanija biex il-piena tigi mnaqqsa;

3. Illi subordinament ghat-tieni eccezzjoni preliminari sollevata, jigi eccepit ukoll, fit-tielet lok, illi skond l-artikoli 22 u 23 tal-istess Ftehim Kollettiv l-attur impjegat m'ghandux il-fakolta' li, unilateralment, jirrikorri ghal dawn il-proceduri billi kellu, minflok, isegwi procedura alternattiva stipulata f'dawk l-artikoli;
4. Illi fit-tielet (sic) lok, u f'kull kaz, ma kenitx is-socjeta' esponenti li sabet lill-attur hati (kif hu allega) izda l-Bord tad-Dixxiplina stabbilit u kompost skond il-Ftehim Kollettiv suriferit, liema Bord kien jinkludi anke membru nominat mill-attur stess u/jew mill-*Union* tieghu; u li fil-kors tal-proceduri quddiemu l-attur kien legalment assistit.
5. Illi fil-mertu, u assolutament minghajr ebda pregudizzju ghal premess, il-Bord tad-Dixxiplina kellu kull setgha li jimponi piena konsistenti fi tnaqqis tal-paga – dejjem skond l-istess Ftehim Kollettiv suriferit li ghandu s-sahha ta' ligi bejn il-partijiet;
6. Illi wkoll, il-piena imposta, li giet imnaqqsa mill-*management* wara talba li ghamel l-attur, hija kompletament gustifikata kif ser jigi ppruvat waqt il-kors tal-kawza.
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Ra n-noti ta' osservazzjonijiet prezentati mill-kontendenti;

Ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum;

Ikkunsidra;

Illi din il-kawza tirrigwarda l-hlas ta' parti mill-paga tal-Attur li s-Socjeta Konvenuta zammet wara li imponiet multa. L-Attur jghid li l-multa giet inflitta illegalment. Is-Socjeta Konvenuta ma taqbilx.

Illi sabiex tigi sorvolata din il-kawza, jehtieg li qabel xejn tigi deciza l-ewwel eccezzjoni u cjoe dik tal-kompetenza *ratione materiae*.

Illi fi kliem is-Socjeta Konvenuta, dan it-Tribunal m'ghandux gurisdizzjoni sabiex jisma u jiddeciedi t-talba odjerna ai termini tal-Art. 75(1) tal-Kap. 452, liema dispozizzjoni tipprovdi kif gej:

> 75. (1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –
>
> (a) il-kazijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta; u
>
> (b) il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu, għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titoli I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:
> Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tinftiehem li tolqot id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta dwar uffiċjali pubbliċi jew ma għandha tolqot it-tħaddim tal-Ordinanza dwar il-Ħaddiema tal-Port jew tal-Att li Jirregola l-Impiegi fit-Trasport Pubbliku; u f'dan l-artikolu l-espressjoni "ħaddiem" ma tinkludix uffiċjali pubbliċi jew xi persuna li għaliha japplikaw l-imsemmija Ordinanza jew Att.

Illi fin-noti finali taghhom, il-kontendenti qeghdin jiehdu pozizzjonijiet djametrikament opposti. Min-naha 'l wahda, is-Socjeta Konvenuta tghid li mhux biss din hija kwistjoni li taqa' taht il-gurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali izda hija fi kwalunkwe kaz, dan it-Tribunal ma jistax jidhol f'merti li jmorru lil hinn minn semplici "*money claims*". Da parti tieghu, l-Attur, jikkontendi li l-kaz odjern la jaqa' fil-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali u lanqas ma jista' jinghad li l-gurisdizzjoni ta' dan il-foro hi eskluza *ratione materiae*.

Fil-fehma tat-Tribunal, wara li ra d-dispozizzjoni hawn fuq citata u fela bir-reqqa d-dispozizzjonijiet tal-Kap. 452 iqis li dan il-kaz, naxxenti minn proceduri dixxiplinarji, skond ftehim kollettiv, ma jistax jinghad li jaqa' taht il-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industrijali. Dan ma jfissirx li ma jistax ikun il-kaz li l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal mhijiex eskluza mod iehor, senjatament bil-ligi stess li kkostitwietu.

Illi minn ezami imqar *prima facie* tal-avviz tat-talba jidher li biex dak li qed titlob l-Attur jintlaqa', it-Tribunal irid jezamina l-fatti li taw lok ghall-impozizzjoni tal-multa. Hu ben maghruf li l-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal hija limitata "*biex jisma' u jaqta' biss it-talbiet kollha ta' flus*" sa ammont limitat u dan skond id-dispozizzjonijiet tal-Art. 3(2) tal-Att dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar (Kap. 380);

Illi fil-gurisprudenza taghna nsibu decizjonijiet kemmxejn kuntrastanti dwar il-latitudni li ghandu l-gudikant sedenti f'dan it-Tribunal meta jigi biex jiddeciedi certi talbiet. Fis-sentenza tal-15 ta' Ottubru 1998 fl-ismijiet "Martin Aquilina *pro et noe vs* Moira Chircop", il-Qorti tal-Appell tat x'wiehed jifhem li l-kompetenza ta' dan it-Tribunal ma testendix ghal talbiet li huma ta' natura kumplikata u mhux sempliciment kwistjoni ta' hlas ta' kreditu *sic et simpliciter*. Sentenzi ohra madankollu jirritjenu li l-fatt li jkun hemm konsiderazzjonijiet ta' natura legali li jridu jsiru jew li kwistjoni tkun kumplikata, ma jwassalx ghal nuqqas ta' gurisdizzjoni. Fis-sentenza tal-20 ta' Ottubru 2003 fl-ismijiet "Publius Micallef *vs* Sunroute Company Ltd", il-Qorti tal-Appell dwar il-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal irriteniet:

> Jekk kull meta tinsorgi materja ta' din ix-xorta l-Gudikatur jaqa' fuq l-iskappatoja ta' kemm hu innifsu jqis il-materja ta' natura kumplikata biex b'hekk jiddeklina milli jitrattaha u jiggudikaha jkun tabilhaqq, fil-fehma ta' din il-Qorti, qieghed b'mod semplicistiku jabdika mid-doveri tieghu, jekk mhux ukoll jistultifika l-istess ligi li kkrejat it-Tribunal specjali. Tali affermazzjonijiet leggeri jew pronunzjamenti spiccjattivi la ghandhom jigu konsentiti u wisq anqas lodati jew segwiti.

Illi l-Attur fl-avviz tieghu qieghed jitlob somma likwida. Fil-waqt li jista' jkun hemm dubji dwar kemm din it-talba kellha tingieb hawnhekk, it-Tribunal iqis li tenut kont tac-cirkostanzi, partikolarment il-valur baxx ferm tat-talba, kif ukoll spint mill-principju tal-ekwita li jidderigi dan it-Tribunal, iqis li ma jkunx floku la li jabdika leggerment mid-doveri tieghu u lanqas li jaghmel xi ezami ultra approfondit dwar in-natura tal-pretensjoni.

Ghalhekk, l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

Ikkunsidra;

Illi sorvolata l-ewwel eccezzjoni, jmiss li jigi ezaminat il-kaz fil-mertu. Issa f'dan ir-rigward jidhru pozizzjonijiet kuntrastanti billi min-naha 'l wahda l-Attur qieghed jghid li l-principal tieghu mghandux il-jedd li jimponi multi, min-naha 'l ohra, is-Socjeta Konvenuta tikkontendi li l-Attur ma setax jirrikorri ghall-odjerni proceduri sabiex tigi sindikata d-decizjoni tal-kumpannija.

Illi sabiex wiehed isib tarf tal-vertenza jkun floku li qabel xejn jitqies dak li jirrizulta mill-provi. Ix-xhieda principali jidher li huma l-Attur u l-Kap Ezekuttiv tas-Socjeta Konvenuta, il-Brigadier (irtirat) Carmel Vassallo. Da parti tieghu l-Attur – li jahdem bhala *Assistant Air Traffic Controller* mas-Socjeta Konvenuta – jistqarr li dak in-nhar li inhargu struzzjonijiet sabiex jigi promulgat dak li fid-dinja tal-avjazzjoni jidher li jissejjah "*Notice to Airmen*" jew "NOTAM", liema avviz ta lok ghall-odjerna vertenza, hu kien delegat sabiex jahdem xoghol divers minn dak li solitament jaghmel. Sussegwentement, l-Attur wiegeb *emails* fejn iggustifika l-fatt li tali avviz ma giex promulgat peress li min hareg l-istruzzjonijiet ma kienx wiehed mill-ufficcjali awtorizzati skond il-proceduri interni tal-kumpannija Konvenuta. Sussegwentement, gie sospiz u mghoddi proceduri dixxiplinarji, fejn inghata twissija ufficcjali u gie mmultat somma ekwivalenti ghal ghaxart ijiem paga. Wara li kiteb lis-Socjeta Konvenuta din il-piena giet kommutata u l-multa tnaqqset bin-nofs. Da parti tieghu, il-Brigadier Vassallo jaghti x'wiehed jifhem li l-Attur huwa impjegat li jaqla' l-kwistjonijiet u li mhux l-ewwel darba li kellu jigi mwiddeb. Jispjega l-periklu li seta' kien hemm minhabba n-nuqqas ta' promulgazzjoni tan-NOTAM u jghid xi proceduri ttiehdu fil-konfront tal-Attur.

Issa minn ezami tal-ftehim kollettiv applikabbli (a fol 18 *et seq*) jidher li l-procedura ta' dixxiplina hi ben definita u Appendici 2 tal-istess ftehim jipprovdi ghal multi li jistghu jigu inflitti f'certi cirkostanzi. Il-kaz odjern jidher li ttiehed a bazi tat-taqsima "Kazijiet Ohra", liema taqsima tipprovdi ghal twaqqif ta' Bord Dixxiplinarju izda ma tipprovdix ghal pieni. Tipprovdi biss li dak li jistabbilixxi l-Bord huwa finali salv ghall-jedd tal-impjegat aggravat li jirrikorri ghand il-*Management* tal-kumpannija u li jirrikorri ghal kull rimedju li ttih il-ligi. Fil-kaz odjern, il-Bord sab lill-Attur hati u tah twiddiba fil-waqt li mmultah somma ekwivalenti ghal ghaxart ijiem paga. Mhux kontestat li din hi l-pozizzjoni tant li fin-nota finali tas-Socjeta Konvenuta (a fol 92) jinghad li l-impozizzjoni ta' multa da parti tal-Bord mhuwiex "*espressament specifikat*".

Issa l-kwistjoni tal-impozizzjoni ta' multi minn min jimpjega fuq impjegati jahseb ghaliha l-Art. 19 tal-Kap. 452 li jipprovdi espressament kif gej:

> (1) Sakemm ma jkunx preskritt xort'oħra fi ftehim kollettiv, meta -
>
> (a) il-pattijiet ta' kuntratt bil-miktub iffirmat mill-impjegati jew il-pattijiet ta' dikjarazzjoni bil-miktub ffirmata minn prinċipal skont l-artikolu 7 jispeċifikaw bir-reqqa l-multa jew multi li l-impjegat jista' jeħel dwar kull għemil jew ommissjoni, u
>
> (b) il-pattijiet ta' kuntratt bħal dak jew il-pattijiet ta' kull dikjarazzjoni bħal dik ikunu ġew approvati minn qabel mid-Direttur, il-prinċipal ikun jista' jagħmel dak it-tnaqqis illi jkun awtorizzat b'dak il-kuntratt jew b'dik id-dikjarazzjoni.
>
> (2) Minkejja d-disposizzjoni tas-subartikolu (1), meta impjegat jonqos mingħajr kawża ġusta li jagħti lill-prinċipal tiegħu n-numru kollu ta' siegħat ta' xogħol kif ikun marbut bil-kondizzjonijiet ta' xi kuntratt ta' servizz applikabbli għalih il-prinċipal ma għandux iwaħħal lill-impjegat xi multa għal dak it-telf ta' xogħol iżda jista' jnaqqas mit-total tal-paga dovuta lill-impjegat dik il-parti minnha li tikkorrispondi għax-xogħol hekk mitluf.
>
> (3) Meta xi multa jew multi jkunu imposti minn persuna jew għaqda ta' persuni, tkun kif tkun imsejħa, awtorizzati biex jagħmlu dak ix-xogħol mill-prinċipal, dik il-persuna jew persuni jkunu responsabbli għall-għemil tagħhom, bla ħsara għar-responsabbiltà tal-prinċipal, daqslikieku kienu l-prinċipal.
>
> (4) Sakemm ma jkunx provdut xort'oħra minn xi ftehim kollettiv, meta principal jissospendi impjegat mix-xogħol u waqt il-perjodu ta' sospensjoni ma jħallsux il-paga jew iħallsu anqas mill-paga li l-impjegat ikollu jedd għaliha, l-prinċipal jitqies li jkun għamel tnaqqis mill-pagi tal-impjegat permezz ta' multa ekwivalenti għall-ammont imnaqqas mill-paga.

Illi minn ezami tal-atti processwali jidher li l-Attur instab hati ta' insubordinazzjoni, inghata twissija u gie mmultat. Minnu li kien sospiz fuq nofs paga u rega' ddahhal ghax-xoghol wara li nghalqu l-proceduri tal-Bord tad-Dixxiplina, imma hu car li d-decizjoni tal-Bord, li l-Kap Ezekuttiv ghamilha tieghu (ghad li sussegwentement giet kommutata) tipprovdi espressament ghal impozizzjoni ta' multa.

Illi fil-fehma tat-Tribunal il-Ftehim Kolettiv ma jahsibx ghal impozizzjoni ta' multi u fil-fehma tat-Tribunal mhuwiex f'loku li fejn imiss ma' pieni wiehed bhal qisu jassumi li Bord ta' Dixxiplina ghandu jkollu s-snien biex izomm id-dixxiplina u ghal dan il-ghan jkun jista' anke jimponi multi minkejja li ma jkunx hemm ebda vires specifiku. Fuq kollox il-ligi hi cara, u fejn imiss ma' pagi trid li l-pagi jkunu protetti u kwalsiasi tnaqqis jsir biss b'mod skrupolozament konformi ma' dak li tipprovdi l-ligi.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, fil-kaz odjern it-tnaqqis li sar mghandux bazi la fil-ligi u lanqas fil-ftehim kollettiv. Isegwi ghalhekk li t-tnaqqis fil-paga tal-Attur da parti tas-Socjeta Konvenuta mhuwiex wiehed legittimu.

Fic-cirkostanzi, il-bqija tal-eccezzjonijiet se jigu michuda, fil-waqt li t-talba attrici se tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi l-kawza billi fil-waqt li jichad l-eccezzjonijiet tas-Socjeta Konvenuta, jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-Socjeta Konvenuta thallas lill-Attur is-somma ta' €358.43. Spejjez ikunu a karigu tas-Socjeta Konvenuta.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Adrian Pace
*Deputat Reġistratur*